**25 ta' Mejju**

**Tifkira ta'**

S. GIRGOR VII, PAPA

Ildebrandu twieled fit-Toscana għall-ħabta ta' l-1028; studja f'Ruma, u għadda għall-ħajja monastika; ħafna drabi l-Papiet ħatruh legat tagħhom biex igħinhom fit-tiġdid tal-Knisja, li għalih ħadem u ħabrek kemm felaħ. Fl-1073 intgħażel Papa u ħa l-isem ta' Girgor VII. Ra bosta taħbit l-aktar mis-sultan Neriku 1V, u ħtieġlu jfittex il-kenn f'Salerno, fejn miet fl-1085.

Mill-Komun tar-rgħajja ta' l-erwieħ...

Talba

Agħti, Mulej lill-Knisja tiegħek l-ispirtu tal-qawwa u l-ħeġġa għall-ġustizzja li bihom żejjint lill-Papa San Girgor Sebgħa, biex hija twarrab il-ħażen u kull xkiel u tħabrek bl-imħabba għal kull ma hu sewwa. B'Ibnek.